MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0047/07
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Czesław Adam Siekierski, Miroslav Ouzký, Gintaras Didžiokas, Béla Glattfelder, Gábor Harangozó, Mieczysław Edmund Janowski, Genowefa Grabowska, Andrzej Tomasz Zapałowski, Roberts Zīle, Stanisław Jałowiecki, Leopold Józef Rutowicz, Rihards Pīks, Marek Aleksander Czarnecki, Hanna Foltyn-Kubicka, Zbigniew Krzysztof Kuźmiuk, Filip Kaczmarek, Jacek Protasiewicz, Bogusław Sonik, Zdzisław Zbigniew Podkański, Witold Tomczak, Jan Olbrycht, Janusz Wojciechowski, Zita Pleštinská, Jaroslav Zvěřina, Radu Podgorean, Wiesław Stefan Kuc, Atilla Béla Ladislau Kelemen, Peter Baco, Dimitar Stoyanov, Atanas Paparizov, Adam Gierek, Bogusław Liberadzki, Jacek Saryusz-Wolski, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Mirosław Mariusz Piotrowski, Paweł Bartłomiej Piskorski, Zbigniew Zaleski, Jerzy Buzek, Wojciech Roszkowski, Zdzisław Kazimierz Chmielewski, Barbara Kudrycka, Danutė Budreikaitė, Csaba Sándor Tabajdi, Justas Vincas Paleckis, Miroslav Mikolášik, Evgeni Kirilov, Bogdan Golik, Ģirts Valdis Kristovskis, Valdis Dombrovskis, Metin Kazak, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Mariela Velichkova Baeva, Vladko Todorov Panayotov, Vasile Dîncu, Miloš Koterec, Monica Maria Iacob-Ridzi, Maria Petre, Vladimír Železný, Silvia Ciornei u Bilyana Ilieva Raeva
lill-Kummissjoni

Suġġett: L-implimentazzjoni tas-sistema tal-kundizzjonalità fl-Istati Membri l-ġodda

Wieħed mill-elementi ewlenin tar-riforma tal-politika agrikola komuni (CAP) fl-2003 kienet l-introduzzjoni tal-kundizzjonalità. Din is-sistema tfisser li l-bdiewa, li jmexxu l-attività agrikola tagħhom, iridu jkunu aktar attenti fir-rigward ta' ċerti regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent, mas-saħħa ta' l-annimali u l-pjanti, standards ta' benesseri għall-annimali u kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin. Meta l-kontroll amministrattiv jiskopri li bidwi ma ssodisfax ir-rekwiżiti speċifikati, huwa se jkun suġġett għal tnaqqis parzjali jew sħiħ tal-pagamenti ta' għajnuna diretta tiegħu.

Fl-Istati Membri l-ġodda, l-introduzzjoni tal-kundizzjonalità se tinvolvi spejjeż amministrattivi u ta' kontroll kbar ħafna. F'dan ir-rigward, għandu ovvjament jitqies il-livell imnaqqas ta' pagamenti diretti applikat fl-Istati Membri l-ġodda (NMS) meta jkunu ffissati skadenzi għall-implimentazzjoni tar-reġim tal-kundizzjonalità. L-applikazzjoni tal-firxa sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-kundizzjonalità qabel l-ammont ta' pagamenti diretti jilħaq il-livell ta' l-UE-15 jirriżulta f'aktar kundizzjonijiet dejjem aktar żbilanċjati għall-bdiewa ta' l-Istati Membri l-ġodda fir-rigward tar-restrizzjonijiet amministrattivi imposti fuqhom u l-livell ta' kumpens li jirċievu.

Fil-qafas tad-diskussjoni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, l-Istati Membri l-ġodda kkonċernati esprimew b'mod ċar u bi ftehim bejniethom il-proposta tagħhom rigward l-implimentazzjoni gradwali tas-sistema.

Fid-dawl ta' l-argumenti mressqa hawn fuq, il-Kummissjoni se tqis il-possibilità li timplimenta s-sistema tal-kundizzjonalità b'mod gradwali mill-2009 u mill-2012 għall-Bulgarija u r-Rumanija u fl-ambitu tal-perjodu ta' introduzzjoni ta' sitt snin fl-Istati Membri l-ġodda?

Imressqa: 18.07.2007
Mibgħuta: 20.07.2007
Skadenza: 27.07.2007